



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0242(NLE)

13463/19
ADD 1

ACP 124
FIN 691

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Ottubru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 550 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS għal Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL Dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 550 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2019) 550 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.10.2019
COM(2019) 550 final

ANNEX

ANNESS

għal

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

FTEHIM TA' KOTONÙ AKP-UE

**GRUPP TA' STATI AFRIKANI,
TAL-KARIBEW U TAL-PAĊIFIKU**

**IL-KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

Brussell, xxx 2019

AKP/xxx/19

AKP-UE xxx/19

DEĊIŻJONI AKP-EU

Suġġett: Abbozz tad-Deċiżjoni Nru xx/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar l-adozzjoni ta' miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

DEĊIŻJONI Nru [X]/2019

TAL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE

ta' [daħħal id-data]

biex jadotta miżura transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE

IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) u l-Artikolu 16(2) flimkien mal-Artikolu 95(4) tiegħu;

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġie ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, daħal fis-seħħ fl-1 ta' April u għandu jiġi applikat sad-29 ta' Frar 2020.
- (2) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, in-negozjati lejn Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġdid tnedew f'Settembru 2018. Billi l-Ftehim il-ġdid ma jkunx lest biex jiġi applikat sad-data ta' skadenza tal-qafas legali attwali, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri transizzjonali.
- (3) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jipprevedi li l-Kunsill tal-Ministri jadotta kwalunkwe miżura transizzjonali li tista' tkun meħtieġa sakemm il-Ftehim l-ġdid jidħol fis-seħħ.
- (4) Skont l-Artikolu 15(4) AKP, fit-23 ta' Mejju 2019, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE ddelegaw is-setgħat li jadottaw il-miżuri transizzjonali lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE².

¹ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3 kif emendat mill-Ftehim iffirmit fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u mill-Ftehim iffirmit f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

² Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tat-23 ta' Mejju 2019 dwar id-delega ta' setgħat lill-

- (5) Għalhekk huwa xieraq li l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE jadotta deċiżjoni, skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, biex jestendi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 fl-intier tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2020, jew sad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid bejn l-Unjoni u l-Istati AKP jekk dan isir qabel il-31 ta' Diċembru 2020. ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 għandha tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2020, jew sad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid bejn l-Unjoni u l-Istati AKP jekk dan iseħħ qabel il-31 ta' Diċembru 2020.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fi xxx 2020.

Magħmul fi [Brussell], fi [data].

Għall-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE

Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE [2019/920] (ĠU L 146, 05.06.2019, p. 114).